



# EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

January 2025 | MT

## The Grassroots View – S3, E 24 – Il-kriżi endemika tal-migrazzjoni tal-Ewropa: fejn ninsabu issa u kif nimxu 'l quddiem?

F'dan l-episodju tal-podcast tagħna, nesploraw il-kriżi kontinwa tal-migrazzjoni fl-Ewropa. Ir-reżistenza reċenti bejn l-Italja u Franza, li t-tnejn li huma rrifjutaw li jippermettu lil Ocean Viking jitrakka fuq ix-xtut tagħhom biex jittrasferixxu migranti informali salvati 'l barra mill-kosta tal-Libja, mexxiet il-kwistjoni lura fuq quddiem nett. Il-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni fejn fil-fatt tinsab b'ħalissa? X'sar mis-solidarjetà Ewropea wara l-isfida iebesha tal-kriżi tar-refuġjati Sirjani tal-2015? Kif wasalna biex il-migranti vulnerabbli jinqabdu f'sitwazzjoni li legalment ma taqa' taħt l-ebda ġurisdizzjoni?

Se nesploraw din il-kwistjoni u nfittxu tweġibiet ma' **José Antonio Moreno Díaz**, membru tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll avukat li jispeċjalizza fil-migrazzjoni u l-ażil; **Louise Guillaumat**, viċi meniġer tal-operat fi ħdan SOS Méditerranée, l-NGO li topera l-Ocean Viking u rebbieħa fl-2016 tal-Premju tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, u **Tomas Miglierina**, korrespondent ibbażat fi Brussell tal-Korporazzjoni tax-Xandir tal-Iżvizzera, b'għarfien speċjalizzat fil-migrazzjoni.

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

## EDITORJAL



### Giulia Barbucci: “Sena ?dida, sfidi ?odda”

Għeżież qarreja,

Kull sena ġġib magħha tamiet u xewqat ġodda u determinazzjoni ġdida biex dawn isiru realtà.

Din is-sena, nistenna bil-ħerqa li mmorru lil hinn mill-kwistjonijiet relatati mal-pandemija u nimxu lejn l-isfidi l-kbar ġodda li qed tiffaċċja l-Ewropa fl-2023 u lil hinn: il-gwerra fl-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija, it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, is-suq tax-xogħol li qed jinbidel u t-tendenzi politiċi li qed jinbiddu f’haġna partijiet tal-Ewropa.

Minħabba l-prospettiva ekonomika negattiva għall-Ewropa din is-sena, l-Ewropa trid tistabbilixxi prijoritajiet korretti u ċari. Din is-sena tibda bil-Presidenza Żvediża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-għan li tkompli tipprovdi assistenza umanitarja lill-Ukrajna u li tiffoka wkoll fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u t-titjib tal-ekonomija tal-UE, speċjalment hekk kif din is-sena nħejju biex niċċelebraw it-30 sena minn mindu twaqqaf is-suq uniku.

Barra minn hekk, l-2023 ġiet iddikjarata s-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

Forza tax-xogħol bil-ħiliet li huma mitluba twassal ukoll għall-innovazzjoni u tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura kemm fl-irkupru ekonomiku kif ukoll fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Għaldaqstant, il-ħiliet se jaqdu rwol essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Ewropa.

Għalkemm is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ waslet fi tmiemha, l-enfasi tagħna fuq is-suġġett mhux se tintemm. Il-Kumitat ħejja diversi Opinjonijiet dwar iż-żgħażaġh matul is-sena li għaddiet, u għadu jirrakkomanda li l-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Ewropa jkunu soġġetti għal [Test taż-Żgħażaġħ](#). Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ser ikompli jaħdem favur soluzzjonijiet għaż-żgħażaġh li jqisu wkoll it-talba tagħhom għal pjaneta aħjar.

Fil-COP27 f'Sharm El-Sheikh, f'Novembru 2022, id-delegazzjoni tal-Kumitat inkludiet delegat taż-żgħażaġh biex jirrappreżenta l-vuċi taż-żgħażaġh dwar kwistjonijiet relatati mal-kriżi klimatika u sostenibbiltà. Din is-sena, ser inkomplu nappellaw biex iż-żgħażaġh, kif ukoll is-soċjetà ċivili organizzata kollha kemm, ikollhom rwol aktar b'saħħtu sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali fil-proċess ta' trasformazzjoni.

Fl-2022, l-isforzi tagħna kienu mmirati wkoll lejn it-titjib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kumitat organizza sensiela ta' avvenimenti biex jappoġġja l-Ġimgħa tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-Parlament Ewropew. Dawn l-avvenimenti indirizzaw firxa wiesgħa ta' suġġetti li jaffettwaw lin-nisa, inkluż ir-rwol tagħhom fl-ekonomija soċjali, in-nisa u l-faqar enerġetiku, il-vjolenza domestika kontra n-nisa, l-aċċess għall-finanzi għall-intraprendituri nisa, u d-drittijiet riproduttivi u sesswali. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa impenjat li jkompli jaħdem favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika f'din is-sena l-ġdida u lil hinn minnha.

B'tant sfidi quddiemna, l-Unjoni Ewropea tista' tirnexxi biss billi tinvolvi b'mod sistematiku lis-soċjetà ċivili Ewropea fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Nittamaw li flimkien inkunu nistgħu niffaċċjaw dawn l-isfidi. U nittamaw li jkollna wkoll l-oportunità fis-sena l-ġdida biex nerġġhu nsibu s-sigurtà, il-paċi u l-fehim li konna nagħmluhom fatta.

Nawgura lill-Ewropa sena produttiva, u lilkom nawguralkom ilkoll saħħa u kuntentizza.

**Giulia Barbucci, Viċi President tal-KESE għall-Baġit**

## DATI TAD-DJARJU

22-23 ta' Frar 2023, Brussell

### **Sessjoni plenarja tal-KESE**

27-28 ta' Frar 2023, Brussell

### **Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari 2023**

23-24 ta' Marzu 2023, Brussell

**[L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2023](#)**



## “DRITT GĦALL-PUNT”

**Fir-rokna tagħna “Dritt għall-punt” nistaqsu lill-membri tal-KESE biex jenfasizzaw il-proposti ewlenin li l-KESE qed jagħmel biex jindirizza kwistjoni ewlenija li tolqot lill-UE.**

F’dil-ħarġa, **Kinga Joó**, membru tal-KESE u relatur tal-Opinjoni, kellmitna dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Kura u l-għanijiet tagħha: l-iżgurar ta’ servizzi tal-kura ta’ kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli fl-Unjoni Ewropea, u t-titjib tas-sitwazzjoni kemm ta’ dawk li jirċievu l-kura kif ukoll tal-persuni li jieħdu ħsiebhom, b’mod professjonali jew informali.

---

## KINGA JOÓ: “NE?TIE?U KURA TA’ KWALITÀ GĦOLJA GĦAL KUL? ADD”

**L-Istrateġija Ewropea għall-Kura** tibda billi tiddikjara li kulħadd jipprovi jew jirċievi kura f’xi żmien f’ħajtu. Madankollu, fl-Ewropa, għal ħafna nies, il-“kura ta’ kwalità għolja għal kulħadd” għadha ma ssarfitx f’realità u dan kien wieħed mill-fatturi ewlenin wara l-istrateġija.

Fl-Opinjoni tagħna dwar l-istrateġija, niffukaw fuq xi punti ewlenin. L-ewwel nett, nenfasizzaw li s-soluzzjonijiet kollha ta’ kura jeħtieġ li jirrispettaw l-għażliet individwali, u b’hekk infissru li persuna jew familja għandha tkun tista’ tagħżel bejn kura pprovduta f’ambjenti istituzzjonali, fid-dar jew fil-komunità, u ħadd ma għandu jkun imġiegħel jaċċetta xi forma ta’ kura minħabba nuqqas ta’ alternattivi.

Id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kif għandhom jiġu indirizzati l-isterjotipi bejn l-irġiel u n-nisa huma ċentrali għall-istrateġija kif ukoll għar-rakkomandazzjonijiet tagħna. Aħna ntenu li għandhom isiru sforzi biex jiġu inċentivati aktar irġiel biex jingħaqdu mal-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa u biex niżguraw distribuzzjoni aħjar tar-responsabbiltajiet tal-kura fl-unitajiet domestiċi.

L-istrateġija tolqot il-musmar fuq rasu billi tirrikonoxxi li l-kura formali u informali tmur id f’id, li l-ebda waħda minnhom ma hija esklużiva u li t-tnejn jeħtieġu appoġġ. Il-kura fid-dar ħafna drabi tingħata minn persuni li jindukraw b’mod informali. Il-maġġoranza tagħhom huma nisa u qraba tal-persuna li teħtieġ il-kura li jgħorru l-parti l-kbira tal-piż, bl-impatt li dan iġib miegħu fuq il-ħajja professjonali u personali tagħhom. Nirrakkomandaw l-identifikazzjoni ta’ dawn il-persuni li jindukraw b’mod informali u l-immappjar tal-ħtiġijiet tagħhom biex jiġu indirizzati b’mod immirat u effettiv. Nemmu wkoll li s-sistemi ta’ validazzjoni tal-ħiliet jistgħu jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-“ħidma inviżibbli” ta’ dawn in-nies.

Barra minn hekk, intenu l-proposta tagħna li tinwieda Garanzija Ewropea għall-Kura, sabiex jiġi żgurat aċċess tul il-ħajja għal servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi ta’ kura ta’ kwalità affordabbli għal kull min jgħix fl-UE. Dan l-istrument jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-kura u jippromovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-persuni li jindukraw, inklużi dawk li jindukraw b’mod informali.

Fl-aħħar nett, nixtieq nenfasizza li niffukaw ukoll fuq l-aspetti ta’ implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni taż-żewġ proposti tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kura fit-tul bħala parti mill-istrateġija adottata mill-Kunsill f’Diċembru 2022. Nappellaw għal rieżami ta’ nofs it-terminu tal-oġġettivi ġenerali u tal-miri speċifiċi, inklużi l-miri ta’ Barcellona.

# “MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



## “Mistoqsija lil...”

**Fil-kolonna ta’ dax-xahar “Mistoqsija lil ...” nistaqsu lil Jaroslaw Pietras, eks Direttur Ġenerali fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, biex jgħidilna dwar kwistjoni li f’daż-żminijiet tinsab fuq fomm kulħadd: il-kriżi enerġetika.**

**Jaroslaw Pietras** huwa, attwalment, riċerkatur studji mistieden ġewwa l-Wilfried Martens Centre for European Studies fi Brussell u professur mistieden fil-College of Europe fi Bruges. Mill-1990 sal-2006, huwa serva fil-Polonja nattivament tiegħu bħala Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Finanzi, Segretarju tal-Istat għall-Ewropa u Kap tal-Uffiċċju tal-Kumitat għall-Integrazzjoni Ewropea. Mill-2008 sal-2020, huwa kien Direttur Ġenerali fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn kopra firxa wiesgħa ta’ oqsma ta’ politika li kienu jinkludu l-enerġija. B’PhD fl-Ekonomija mill-Università ta’ Varsavja, huwa l-awtur ta’ għadd ta’ publikazzjonijiet dwar l-UE, is-sostenibbiltà u kwistjonijiet kummerċjali. Huwa kien ukoll studjuż tal-Fondazzjoni Fulbright u membru tal-bord tal-grupp ta’ riflessjoni Bruegel (2008-2011).



## Jarosław Pietras: “Il-kriżi tal-enerġija għadha ma spiċċatx”

**KESE Info: Jarosław Pietras, x'taħseb dwar is-sitwazzjoni attwali tas-suq tal-enerġija tal-UE, u x'inhil-prospettiva għall-futur?**

**Jarosław Pietras:** Il-limitu massimu tal-prezz tal-gass, li ġie maqbul mill-Ministri għall-enerġija tal-UE huwa ferm 'il fuq mill-prezzijiet attwali. Il-ftuħ tas-swieq tal-enerġija fl-ewwel jiem tal-2023 la kien sorprendenti u lanqas drammatiku. Il-prezzijiet tal-gass u taż-żejt qed ikomplu jonqsu, iżda b'pass aktar kajman. Il-livell tal-prezzijiet attwali huwa komparabbli ma' dak osservat eżatt qabel l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Il-konsum tal-gass fl-UE naqas b'aktar minn 20%, mingħajr ebda impatt kritiku fuq il-produzzjoni jew il-ħtiġijiet tat-tiġn. Naturalment, il-konsumaturi f'kull Stat Membru kellhom jaffaċċjaw spejjeż għoljin tal-enerġija, iżda fl-istess ħin, ma kinux esposti għal temp kiesaħ ħafna. Il-provvista tal-gass lill-unitajiet domestiċi ma kinitx interrotta. Fil-bidu ta' din is-sena l-ġdida, il-ħażniet tal-gass Ewropej huma mimlija b'aktar minn 80 %, li huwa riżultat tajjeb ħafna meta mqabbel mal-medja tal-ħames xtiewi preċedenti.

Il-pajjiżi Ewropej ma baqgħux jirrikorru għand ir-Russja għall-provvisti tal-gass tagħhom, li issa ġejjin l-aktar minn sorsi oħra. Dan jinkludi l-importazzjonijiet tal-LNG, li fl-2022 kienu 58% ogħla mill-2021. Fis-7 ta' Jannar 2023, il-Financial Times osservat li l-importazzjoni tal-LNG tal-UE tas-sena l-oħra kienet ekwivalenti għal 137 biljun metru kubu ta' gass naturali, volum li huwa qrib il-madwar 140 biljun metru kubu ta' gass mill-pipeline li l-UE rċeviet mir-Russja fl-2021. Dan ifisser li l-UE naqqset b'mod sinifikanti d-dipendenza tagħha mill-provvisti tal-enerġija Russi.

Għalkemm dawn huma aħbarijiet pożittivi, il-kriżi tal-enerġija għadha ma spiċċatx. Ix-xejriet imsemmija hawn fuq ma kinux ikunu possibbli li kieku

l-kundizzjonijiet tat-temp fl-Ewropa kienu kiefra u t-temperaturi baxxi jħeġġu użu akbar tat-tiġn. Barra minn hekk, xi proċessi industrijali li jużaw ħafna enerġija ma ġewx restawrati kompletament. Il-politika stretta taċ-Ċina kontra l-COVID-19 tillimita t-tkabbir u d-domanda għall-enerġija, u għaldaqstant, naqqset id-domanda globali għall-enerġija. Dawn iċ-ċirkostanzi huma lil hinn mill-kontroll tal-Ewropa u jistgħu ma jerġgħux ikunu l-istess. Dan ifisser li s-swieq tal-enerġija fl-UE għadhom taħt theddida u, skont kif se tiżviluppa s-sitwazzjoni, nistgħu naffaċċjaw żminijiet diffiċli.

Mhux l-Istati Membri kollha kienu affettwati bl-istess mod bil-prezzijiet ferm għoljin tal-gass. Madankollu, peress li s-suq intern tal-UE diġà huwa pjuttost interkonness, ix-xokkijiet fil-prezzijiet affettwaw kull forma ta' enerġija u lil kulħadd. Anke qabel l-invażjoni, ir-Russja kienet influwenti fuq il-prezzijiet tal-gass fl-Ewropa. Dak iż-żmien, it-tentattivi biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-provvisti Russi ġew ikkontestati b'mod vigoruż. It-terremot seħħ wara interruzzjonijiet intenzjonati fil-flussi tal-gass mir-Russja. Il-prezz tal-gass laħaq l-ogħla livell ta' aktar minn EUR 350 għal kull megawatt siegħa fis-suq spot f'nofs is-sajf tal-2022. Prezz daqstant għoli jissarraf immedjatament fil-kostijiet ta' sorsi oħra ta' enerġija, b'mod partikolari l-elettriku, li jaffettwa miljuni ta' konsumaturi.

Dak iż-żmien, l-Istati Membri tal-UE għamlu sforzi kbar biex jimlew il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass tagħhom għal-livell meħtieġ mill-UE. Dan kien ukoll mument meta l-prezzijiet tal-gass kienu sa seba' darbiet ogħla

minn qabel il-gwerra. Spiża bħal din hija insostenibbli fuq medda twila ta' żmien, u huwa għalhekk li l-Ministri għall-enerġija tal-UE ddiskutew miżuri biex jillimitaw iż-żieda bla kontroll fil-prezzijiet tal-enerġija lil hinn minn livelli sostenibbli. L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha aġixxew b'mod għaqli u ħadu għadd ta' passi biex jistabilizzaw is-swieg tal-enerġija; b'mod partikolari huma kienu qed jipprevedu limiti massimi fuq il-prezzijiet, l-ippuljar tax-xiri, jimponu obbligu ta' ħżin, u provvisti ta' solidarjetà, fost oħrajn.

Peress li l-prospetti għall-bqija tal-istaġun tat-tiżnin ma jidhrux daqstant drammatiċi, l-UE għandha tibda minn issa taħseb dwar ix-xitwa li ġejja u l-kapaċità tagħha li taffaċċja diffikultajiet possibbli fil-futur. L-importazzjoni tal-gass teħtieġ infrastruttura fiżika li ma tistax tinbidel mil-lum għall-għada. L-Ewropa hija konnessa biss permezz ta' pipelines ma' għadd ta' esportaturi, u t-tibdil tas-sorsi ta' provvista jfisser terminals ġodda. Dan jieħu ż-żmien, madankollu, jeħtieġ li jsir fi żmien qasir bl-użu ta' terminals li jżommu f'wiċċ l-ilma bħal ma hemm fil-port Ġermaniż ta' Wilhelmshaven.

Għaldaqstant, il-prospetti ta' problema akuta ta' gass huma baxxi ħafna. Provvisti alternattivi tal-gass qed jinxtraw b'mod wiesa', qed jiġu installati sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli b'pass mgħaġġel, l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija qed jiġu implimentati b'mod serju. Dan kollu jnaqqas il-volatilità tal-provvista tal-enerġija u b'hekk inaqqas il-kost tal-gass. Dan jippermetti d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u jevita t-tfixkil ikkawżat minn sospensjoni f'daqqa tal-provvisti minn sors wieħed.

Madankollu, is-swieg tal-enerġija jibqgħu vulnerabbli ħafna għal xokkijiet fil-provvista. F'każ bħal dan, il-prezz tal-gass jista' jiżdied b'mod sinifikanti biex jibbilanċja d-domanda ma' provvista limitata. Għalhekk, il-Ministri għall-enerġija kellhom raġun jiddiskutu u jaqblu dwar limitu massimu fuq il-prezzijiet tal-gass, anke fil-livell relattivament għoli ta' EUR 180 għal kull megawatt siegħa u abbażi tas-suq spot tal-gass TTF l-aktar volatili. Dan huwa bħal valv tas-sikurezza li huwa meħtieġ f'sitwazzjonijiet estremi, iżda dejjem aħjar jekk ma jintużax.

---

## AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



## Il-mistieden sorpri? a

F'din ir-rokna, nippreżentaw il-fehmiet, il-ħsibijiet u l-kummenti ta' ġurnalisti u personalitajiet prominenti dwar suġġetti li huma importanti fl-Ewropa tal-lum. Din id-darba, il-mistiedna tagħna hija l-ġurnalista Ukrena **Olena Abramovych**. Fil-bidu ta' din is-sena l-ġdida, hija taqsam mal-qarrejja tagħna t-tamiet tagħha għal dinja aħjar.

**Olena Abramovych** hija ġurnalista Ukrena bbażata fi Brussell. Mill-attakk Russu fi Frar 2022, l-istazzjon televiżiv tagħha bbażat fuq l-internet, "Inter", huwa parti minn maratona nazzjonali ta' aħbarijiet li jkopri b'mod kontinwu l-gwerra f'parti kbira mit-territorju Ukren. Olena ilha mill-2014 tirrapporta dwar l-avvenimenti politiċi ewlenin fi Brussell (bħas-summits tan-NATO u tal-UE) għall-istazzjonijiet televiżivi Ukreni. Matul ir-Rivoluzzjoni ta' Maidan fl-Ukrajna fl-2013-2014, hija għenet lill-ġurnalisti bbażati fi Brussell biex jikkollaboraw mal-mexxejja politiċi u l-

istituzzjonijiet fi Kiev. Hija kkollaborat ukoll mal-istazzjoni televiżiv Netherlandiż NOS dwar l-investigazzjoni tat-twaqqiġ tal-ajruplan tal-passiġġieri MH-17 mir-Russja.

Minbarra l-politika, hija tiffoka wkoll fuq stejjer b'temi soċjali u taħdem bħala volontarja biex tgħin lill-ħaddiema Ukreni fil-Belġju jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, hija ilha mill-2016 torganizza "Skola tas-sajf dwar it-Tmexxija" fil-belt tagħha, Kovel, fil-Majjistral tal-Ukrajna – programm ta' mentoraġġ mingħajr ħlas li jipprovdi gwida lill-adoloxxenti li jkun qed jħejju biex jagħżlu l-istudji universitarji tagħhom. Hija għandha lawrja ta' Baċellerat fit-tagħlim u lawrja ta' Master fil-ġurnaliżmu mill-Università Nazzjonali tal-Akkademja Kyiv-Mohyla.



## Olena Abramovych: l-Ukrajna fl-2023: irridu nibqg? u ni??ieldu – anke wara li nirb? u

Bħalma jgħidu, "qatt ma nitilfu l-opportunità li nitilfu opportunità" – frażi li dehret fl-Ukrajna fis-snin eżatt qabel ma faqqgħet il-gwerra fuq skala kbira. Din esprimiet frustrazzjoni bin-nuqqas ta' riformi fundamentali wara r-rivoluzzjonijiet tal-2004 (Orange) u tal-2013 (Euromaidan). Bla dubju, kull rivoluzzjoni għebet xi bidliet, iżda kull ġlieda kbira tqanqal stennijiet kbar u d-diżappunt meta jsir ftit li xejn ikun akbar.

Allura, xi rridu nagħmlu biex ma nitilfux iċ-ċans għal bidla din id-darba?

Fil-fehma tiegħi, **Oleksandra Matviichuk**, ir-rebbieħa Ukrena tal-Premju Nobel għall-Paċi, tagħti risposta kredibbli għal din il-mistoqsija.

Oleksandra hija avukat tad-drittijiet tal-bniedem u mexxejja tas-soċjetà ċivili, u għalhekk naturalment fid-diskors qawwi tagħha ta' aċċettazzjoni hija ffukat fuq id-drittijiet tal-bniedem.

Dan kollu jista' jidher 'il bogħod mill-bżonnijiet bażiċi tal-persuni, kif deskritt mill-kummidjant Russu **Evgenii Petrosyan** fl-awgurju tiegħu tal-ewwel tas-sena: "Jekk kilt, ħadt banju u f'darek hemm is-sħana, dan ifisser

li inti iffortunat u twilidt ir-Russja". Madankollu, l-avvenimenti reċenti wrew li meta ninjuraw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, kif għamlu l-mexxejja Ewropej biex iżommu djarhom sħan u jippreservaw l-ekonomiji tagħhom, dan jista' jwassal għal diżastru.

"Stat li joqtol lill-ġurnalisti, jitfa' fil-ħabs attivisti jew iwaqqaf dimostrazzjonijiet paċifiċi huwa ta' theddida, u mhux biss għaċ-ċittadini tiegħu," tgħid Matviichuk. "Fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, id-drittijiet tal-bniedem iridu jkunu importanti daqs il-benefiċċji ekonomiċi jew is-sigurtà. Dan l-approċċ għandu jiġi applikat ukoll fil-politika barranija."

Wasal iż-żmien li nibnu sistema ġdida fid-dinja li għandha d-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tagħha, tinsisti Matviichuk. Dan m'għandux jitħalla f'idejn il-politiċi biss – is-soċjetà ċivili għandha tkun attiva kemm jista' jkun f'dan il-proċess. "Għandna bżonn moviment ġdid umanist li l-ħidma tiegħu tkun siewja, li jeduka lin-nies, li jibni appoġġ fil-lokal u li jġiegħel lin-nies jipparteċipaw fil-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet", tgħid Matviichuk.

Wasal iż-żmien – u huwa ż-żmien adatt – li jitwettqu numru ta' riformi fl-UE u fl-Ukrajna. Li naqilbu għal riżorsi ta' enerġija aktar ekoloġiċi, mingħajr ma nistennew li l-provvista Russa tal-gass u taż-żejt tiġi restawrata. Li nsibu modi biex inwaqqfu d-diżinformazzjoni u l-propaganda Russa, u, bl-għajjnuna tal-UE, li fl-aħħar tiġi riformata s-sistema kontra l-korruzzjoni fl-Ukrajna.

Hekk kif il-gwerra tidħol fit-tieni sena tagħha jeħtieġ li nimxu lejn dawn il-bidliet kollha. Kif rajna, il-bidla mhux se tiġi waħedha wara gwerra jew rivoluzzjoni u l-Ukreni issa jafu dan tajjeb ħafna. U din id-darba hemm aspettattivi kbar fil-qlub mhux biss tal-Ukreni, iżda wkoll tal-Ewropej. Wara r-rebħa, il-ġlieda biex tinbena dinja ġdida, sostenibbli u paċifika hija responsabbiltà tagħna lkoll. La l-Ukreni u lanqas l-Ewropej ma jistgħu jerġgħu jtilfu din l-opportunità.

**Olena Abramovych, Televiżjoni Ukren, korrispondenta tal-kanal televiżiv Inter fi Brussell.**

---

## A?BARIJET TAL-KESE



## Kull sena għandha tkun is-Sena Ewropea ta' -?g?a? ag?

**Fil-plenarja tiegħu ta' Diċembru, il-KESE ddiskuta l-kwistjonijiet li jaffettwaw liż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol. Id-dibattitu għab fi tmiemha s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 u nieda s-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023. Il-Kumitat kien favur strateġija fit-tul għall-involviment taż-żgħażaġħ u rakkomanda li s-Snin Ewropej imorru lil hinn minn sempliċi attivitajiet promozzjonali u jipproduċu pjani ċari.**

Fid-dinja ta' wara l-COVID-19, hemm enfasi għdida fuq il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol, bl-opportunitajiet u r-riskji kollha li jgħibu magħhom, enfasizzat il-President tal-KESE **Christa Schweng** li fetħet id-dibattitu. "Bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet, il-KESE ser ikompli jiffoka fuq il-ħtiġijiet taż-żgħażaġħ tagħna u l-isfidi li qed jiffaċċjaw fid-dinja tagħna li qed tinbidel malajr."

**Nicolas Schmit**, il-Kummissarju Ewropew għall-Impjigi u d-Drittijiet Soċjali, spjega l-viżjoni tiegħu għall-Ewropa: "Prospetti aħjar għaż-żgħażaġħ, inkluż li nieħdu ħsieb is-sigurtà tagħhom u li nwieġbu għall-aspirazzjonijiet tagħhom għal impjigi sinifikanti u ħajja soċjali mimlija u inklużiva."

F'riżoluzzjoni adottata fl-istess plenarja, il-KESE appella wkoll lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-gvernijiet nazzjonali biex isaħħu l-involviment taż-żgħażaġħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jimplementaw [it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE](#) li ppropona. **Katřina Leitāne**, il-president tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-KESE għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ qalet li huwa importanti li jiġi garantit "wirt tanġibbli u dejjiemi għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ u li jiġi żgurat li ż-żgħażaġħ ikollhom sehem fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-futur tagħhom."

Il-Kumitat qed iħares 'il quddiem lejn l-2023 u ħareġ [Opinjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet](#), fejn jesprimi tħassib dwar l-aġenda mimlija wisq u l-għadd kbir ta' prijoritajiet tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet. Ir-relatur, **Tatjana Babrauskienė**, qalet li "l-attivitajiet kollha mwettqa bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 iridu jkunu mmirati lejn l-aħjar progress possibbli fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'ħiliet soċjali u trasversali fost il-"ħiliet it-tajba" li għandhom jiġu promossi."

L-Opinjoni ħeġġet ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-refuġjati u dawk li jfittxu l-ażil ikunu jistgħu jivvalidaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom fl-UE u jiġu offruti opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-għdid tal-ħiliet biex jiffaċilitaw il-progress tagħhom fis-suq tax-xogħol. "Trid tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-ħbieb Ukreni tagħna. Irridu nrawmu ġenerazzjoni żagħżuġha Ukrena b'saħħitha u mhux noħolqu ġenerazzjoni għdida mitlufa fl-Ukrajna, kif jittama r-reġim Russu", ikkonkluda **I-Kummissarju Schmit**. (gb)



## [Id-dimensjoni finanzjarja tal-ugwaljanza bejn il-?eneri g?adha mhijiex vi?ibbli fil-politiki tal-UE](#)

**Il-KESE kellu dibattitu fil-plenarja tiegħu ta' Diċembru dwar ir-rwol tal-politiki finanzjarji u ta' rkupru pubbliku fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa fl-UE. Id-diskussjoni kienet marbuta mal-adozzjoni ta' żewġ Opinjonijiet: waħda dwar approċċ ibbażat fuq il-ġeneru għall-ibbaġitjar u l-investiment, u l-oħra dwar kif l-Istati Membri jistgħu jtejbju l-mod kif il-miżuri diretti u indiretti proposti fil-pjani nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) jaffettwaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.**

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri għadha l-bogħod milli tkun realtà fl-Ewropa, speċjalment fir-rigward tal-emanċipazzjoni ekonomika u l-aċċess għall-kapital ta' riskju u l-finanzjament. “Ma nistgħux nippermettu li ninjoraw il-potenzjal tan-nisa fl-irkupru ta' wara l-pandemija. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri trid issir realtà fil-pjani nazzjonali għall-irkupru, kif ukoll fil-politika makroekonomika u l-iżvilupp globali,” qalet il-President tal-KESE **Christa Schweng** hija u tiftaħ id-dibattitu.

**Maria Nikolopoulou**, relatur tal-[Opinjoni tal-KESE dwar Investimenti abbażi tal-ġeneru fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza](#), żiedet tgħid: “L-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex biss kwistjoni tan-nisa: tibbenefika lil kulħadd. Il-parteċipazzjoni kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija kruċjali sabiex jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tal-baġit.”

**Ody Neisingh**, relatur tal-[Opinjoni tal-KESE dwar Investiment b'perspettiva tal-ġeneru](#), qalet: “L-aspett finanzjarju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għadu mhux viżibbli fil-politiki tal-UE. Għalkemm l-investiment b'perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru qed jiġu kkunsidrati dejjem aktar minn dawk li jfasslu l-politika, għad hemm nuqqas ta' enfasi sistemika”.

Fl-aħħar, **Cinzia Del Rio**, korelatur tal-Opinjoni dwar l-Investimenti b'perspettiva tal-ġeneru, ikkummentat dwar il-miżuri bbażati fuq il-ġeneru fil-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza: “Għandha tingħata prijorità lill-intensifikazzjoni ta' miżuri diretti u indiretti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-RRPs. Dan jirrikjedi politiki pubbliċi mmirati, u kanali ċari u sostenibbli ta' investiment bi pjanar tar-riżorsi fuq perjodu ta' żmien medju u twil”. (tk)



## L-ikel m'għandux ji?i ttrattat b'ala ass finanzjarju – mhuwix komodità b'al o'fetti o'ra

**Il-kriżi globali tal-prezzijiet tal-ikel ġiet aggravata mill-gwerra fl-Ukrajna, iżda fil-fatt hija dovuta għal problemi aktar strutturali u sistemiċi fis-suq tal-komoditajiet, li ħolqu l-ġuħ u jheddu l-għajxien tan-nies, enfasizza l-KESE f'Opinjoni fuq inizjattiva proprja adottata fl-14 ta' Diċembru.**

Aggravata mill-kunflitt, ix-xokkijiet klimatiki u l-COVID-19, il-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel qed tikber, hekk kif il-gwerra fl-Ukrajna żżid l-ispejjeż tal-ikel, tal-fjuwil u tal-fertilizzanti. L-indiċi tal-prezzijiet tal-ikel laħqed massimu rekord fl-2022 fuq l-isfond ta' nuqqas ta' sigurtà fil-qasam tal-ikel mad-dinja kollha.

Madankollu, l-ambitu u l-iskala tal-volatilità attwali tal-prezzijiet jistgħu jiġu spjegati biss parzjalment mill-prinċipji fundamentali tas-suq. Wieħed mid-difetti sottostanti huwa n-natura xejn ċara u disfunzjonali tas-swieq taċ-ċereali.

“Tilgħabx bl-ikel, nannti kienet tgħidli. Madankollu, illum ħafna nies qed jinsew il-valur reali tal-ikel u qed jilgħabu fuqu,” qal ir-relatur tal-Opinjoni **Peter Schmidt**, President tas-Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent tal-KESE. “Aħna nuru b'mod ċar li s-suq attwali tal-komoditajiet mhux qed iwassal għal żvilupp sostenibbli, ambizzjoni klimatika u tranżizzjoni ġusta. Għall-kuntrarju, qed idgħajef l-isforzi biex jiġi solvut il-ġuħ u biex jitrawmu d'ħul u prezzijiet ġusti.”

L-Opinjoni tal-KESE tenfasizza li l-kummerċ fiżiku globali taċ-ċereali huwa kkonċentrat ħafna. Erba' kumpaniji jikkontrollaw madwar 70-90 % tal-kummerċ globali taċ-ċereali. “Filwaqt li ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel thedded is-sigurtà tal-ikel globalment, kumpaniji kummerċjali kbar qed jagħmlu profitt. Dan mhuwix aċċettabbli!”, huwa qal.

Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jieħdu l-passi meħtieġa biex irażżnu l-ispekulazzjoni eċċessiva tal-komoditajiet, filwaqt li jirrikonoxxi li s-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet jipprovdu servizzi ewlenin lill-produtturi u lill-utenti tal-prodotti bażiċi tal-ikel, bħall-ġestjoni tar-riskju u l-iskoperta tal-prezzijiet. Il-KESE jirrakkomanda li:

- ji?i regolat is-suq tal-futuri g'ad-derivattivi tal-ikel, kif kien il-ka? sa tmiem l-a??ar seklju;
- ji?u regolati l-indi?ijiet tal-komoditajiet u tal-ikel, b'mod partikolari billi ji?u rregolati u pprojbti l-fondi tal-indi?i tal-komoditajiet u r-replikazzjoni permezz ta' swaps u prodotti nnegozjati fil-bor?a;
- ti?i indirizzata l-finanzjalizzazzjoni tas-settur alimentari, pere?empju billi ti?i introdotta taxa globali fuq profitti straordinarji u e??essivi u taxa fuq l-ispekulazzjoni tal-ikel, kif ukoll billi jinkissru l-oligopoliji fil-livelli kollha tal-katina tal-kummer? internazzjonali tal-ikel;
- tissa??a? it-trasparenza tas-suq billi jitjeb ir-rappurtar ambjentali, so?jali u ta' governanza (ESG) u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja ta' atturi involuti fl-ispekulazzjoni. (ks)



## Il-KESE jappo??ja l-e?ami tal-kompetittività obbligatorju g?all-politiki u r-regolamenti tal-UE

**L-eżami tal-kompetittività għandu japplika għal kwalunkwe proċess ta' tfassil ta' politika u leġiżlattiv tal-UE, il-KESE jsostni f'Opinjoni ġdida fejn jipproponi wkoll "aġenda tal-kompetittività" tal-UE.**

Fl-Opinjoni, adottata fil-plenarja ta' Diċembru, il-KESE jsostni li l-impatt tal-politiki u r-regolamenti tal-UE fuq il-kompetittività tan-negozji tal-UE jeħtieġ li jiġi vvalutat b'mod aktar komprensiv u sistematiku minn kif qed isir bħalissa.

L-eżami tal-kompetittività għandu jkopri l-leġiżlazzjoni, il-miżuri fiskali, l-istrateġiji, il-programmi, il-ftehimiet internazzjonali, u anke s-Semestru Ewropew. L-eżami tal-kompetittività għandu jeżamina l-impatt tagħhom fuq in-negozji, l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kost tal-

konformità. Huwa għandu jqis kif dawn jistgħu jaffettwaw, fit-terminu qasir u fit-tul, lin-negozji f'setturi differenti, ta' daqsijiet differenti u b'mudelli ta' negozju differenti.

Is-sehem tal-UE tal-PDG globali ilu jonqos għal xi żmien mhux ħażin, u jista' jiċkien għal inqas minn 10% sal-2050. Il-prospettiva fuq terminu qasir mhijiex aħjar, bil-konsegwenzi kontinwi tal-COVID-19, il-gwerra fl-Ukraina, l-inflazzjoni li qed tiżdied, il-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew u d-dipendenza fuq importazzjonijiet barranin ewlenin. Jekk ma' dan kollu inżidu wkoll it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, ikollna idea pjuttost tajba tal-isfidi enormi li n-negozji tal-UE qed jaffaċċjaw.

Kif nistgħu niżguraw li l-kompetittività u n-negozji jingħataw rwol aktar prominenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE? Il-KESE jipproponi approċċ fuq tliet livelli.

L-ewwel, fil-livell tekniku, il-KESE jissuġġerixxi li **tissaħħaħ il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea** billi l-eżami tal-kompetittività jsir obbligatorju u ħafna aktar estensiv.

"Il-Kummissjoni Ewropea diġà trid twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fejn jitqiesu l-effetti ta' inizjattiva fuq il-kompetittività," qal **Christian Ardhe**, ir-relatur tal-Opinjoni tal-KESE. "Madankollu, hemm ukoll ħtieġa ċara għal titjib, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar".

It-tieni, fil-livell politiku, il-kompetittività għandha titqies b'mod adegwat fit-**tfassil ta' inizjattivi ġodda**, li għandhom jiġi vvalutati fir-rigward tal-kontribut u l-appoġġ tagħhom għall-kompetittività.

It-tielet, il-Kumitat jappella għal **aġenda tal-kompetittività** speċifika, bl-għan ewlieni fit-tul li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.

"Permezz ta' din l-Opinjoni, nixtiequ li jiġu eżaminatu mill-ġdid il-modi kif il-kompetittività tiġi mmonitorjata, u nqisu l-komplessitajiet involuti f'dan il-qasam," qal **Giuseppe Guerini**, korelatur għall-Opinjoni. "Illum, il-kompetittività m'għadhiex xi ħaġa li taffettwa lin-negozji jew lill-kumpaniji individwali, iżda tirrigwarda verament lill-ekosistemi. Għaldaqstant, jeħtieġ li nadottaw approċċ aktar kompless meta nkunu qed nittrattawha".



## [Il-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja wara l-COVID-19: l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma essenzjali biex l-ekonomija u s-soċjetà ja?dmu tajjeb](#)

**Matul is-sessjoni plenarja tal-KESE ta' Diċembru sar dibattitu dwar ir-rikostruzzjoni u r-reżiljenza tar-reġjun Ewro-Mediterranju wara l-pandemija tal-COVID-19, b'enfasi fuq il-litteriżmu diġitali.**

**Christa Schweng**, il-President tal-Kumitat, enfasizzat ir-rwol tal-kooperazzjoni u d-dialogu lokali u tan-network tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali b'mod partikolari. Hija sostniet li l-Unjoni għall-Mediterran u l-Fondazzjoni Anna Lindh huma msieħba importanti ħafna għall-KESE, u huma wkoll żewġ pilastru ewlenin tas-sħubija Ewro-Mediterranja.

**Álvaro Albacete Perea**, Viċi Segretarju Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran, u **Josep Ferré**, Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewro-Mediterranja Anna Lindh għad-Dialogu Bejn il-Kulturi, enfasizzaw l-importanza kruċjali li tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-UE u r-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran.

Id-diġitalizzazzjoni hija fundamentali għall-progress ekonomiku u soċjali fir-reġjun Ewro-Mediterranju kollu. L-Opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar [It-tranżizzjoni diġitali fir-reġjun Ewro-Mediterranju](#), li tffaslet minn Dolores **Sammut Bonnici** u li ġiet addottata matul is-sessjoni plenarja, tenfasizza li huwa importanti li jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-pajjiżi individwali, bejn iż-żoni urbani u rurali u bejn il-ġenerazzjonijiet. (mp)



## Biex id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt ji?u kkomunikati b' mod effettiv, l-UE trid tiffoka fuq il-valuri bba?ati fuq il-komunità u l-istejjer dwar il-persuni

**Il-KESE jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jaħdmu biex jikkomunikaw aħjar mal-pubbliku ġenerali dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt. F'Opinjoni adottata f'Diċembru, il-Kumitat jissuġġerixxi li ssir enfasi fuq l-ekwità u l-ġustizzja u li tingħata vuċi lil dawk li jesperjenzaw direttament ksur tad-drittijiet tal-bniedem.**

L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jistgħu jitqiesu minn xi wħud bħala kunċetti li huma wisq astratti, distanti, speċjalizzati u legalistiċi. Il-Kumitat jemmen li dan huwa periklu reali li l-UE għandha bżonn tindirizza.

**Cristian Pîrvulescu**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar [Nikkomunikaw dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt](#), spjega li “n-nuqqas ta’ komunikazzjoni ċara u edukazzjoni fil-livell Ewropew u nazzjonali dwar dawn il-prinċipji jgawdu minnu l-għedewwa tad-demokrazija. Aħna nappellaw għal aktar appoġġ għal attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u kurrikuli tal-iskejjel aktar b’saħħithom.”

Il-korelatur **José Antonio Moreno Díaz** enfasisza li “l-individwi ma jistgħux jiddefendu d-drittijiet fundamentali tagħhom jekk ma jkunux jafu xi jfissru fir-realtà. L-atturi tal-UE, l-istituzzjonijiet, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili jistgħu jagħmlu differenza billi jittraduċu kunċetti astratti fi kwistjonijiet sinifikanti u prattiċi, joħolqu kultura Ewropea kondiviża tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt.”

L-Opinjoni tal-KESE targumenta li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt mhumiex possibbli fin-nuqqas ta’ stat soċjali. It-tnejn huma interkonnessi: meta l-istat soċjali ma jibqax jiffunzjona, is-soċjetà jaf tqis l-istat tad-dritt bħala kunċett fieragħ. Din ir-rabta hija rikonoxxuta mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għodda ta’ politika essenzjali għall-bini ta’ Unjoni aktar inklużiva.

Il-Kumitat iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex ma juru l-ebda tolleranza għall-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Għal dan il-għan, l-UE għandha tibqa’ sserraħ fuq [id-definiżżjoni tal-istat tad-dritt prevista mill-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt](#), li toffri deskrizzjoni ċara tal-prinċipji ewlenin koperti mill-istat tad-dritt. (gb)



## L-asbestos: l-UE għandha tmur lil hinn mill-valur ta' limitu propost mill-Kummissjoni

**Il-valur ta' limitu tekniku għall-esponiment għall-asbestos għandu fl-aħħar mill-aħħar jiġi stabbilit f'livell aktar baxx minn dak li qed tipproponi bħalissa l-Kummissjoni f'direttiva reċenti li tirregola l-protezzjoni tal-ħaddiema mill-perikli ta' esponiment għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol, qal il-KESE f'Opinjoni adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu f'Diċembru.**

“L-imsieħba soċjali jistgħu jmorru lil hinn mill-limitu l-ġdid li se japplika skont id-Direttiva u jieħdu miżuri adegwati biex ikomplu jnaqqsu l-preżenza tal-fibri tal-asbestos fuq il-postijiet tax-xogħol,” stqarr il-KESE fl-Opinjoni dwar [Protezzjoni mill-espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol](#).

Il-KESE qal li l-limitu tekniku għandu fl-aħħar mill-aħħar jiġi stabbilit għal  $0.001$  fibri/cm<sup>3</sup>, wara perjodu ta' tranżizzjoni raġonevoli.

“Aħna nilqgħu l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas l-inkidenza tal-kanċer u l-isforzi speċifiċi tagħha biex timminimizza l-esponiment għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol. Hija bażi tajba biex fuq perjodu twil ta' żmien noqorbu lejn tolleranza żero għall-esponiment għall-asbestos. Iżda nemmu li l-UE għandha tmur lil hinn minn dak li qed tipproponi l-Kummissjoni,” qalet ir-relatur għall-Opinjoni tal-KESE **Ellen Nygren**.

Ix-xjenza stabbiliet li ma hemm l-ebda livell ta' esponiment li jista' jitqies li huwa sikur, mingħajr ir-riskju ta' kanċer. Għalhekk, minkejja l-projbizzjoni attwali fuq l-użu ta' asbestos ġdid, għad hemm ammonti kbar ta' xogħol fejn il-ħaddiema għadhom esposti għal din is-sustanza fatali,” wissiet. Skont figuri ppreżentati f'seduta ta' smiġħ reċenti tal-KESE, madwar 90 370 persuna jmutu kull sena fl-UE minħabba kanċer relatat mal-asbestos, li juri l-ħtieġa għal valur ta' limitu mnaqqas.

Sabiex tintlaħaq din il-mira, il-KESE rrakkomanda li jitfassal pjan direzzjonali ta' miżuri komplementari li jmorru lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni. Dawn jinkludu appoġġ finanzjarju għan-negozji u r-reġġjuni li ma jkunux jistgħu jilħqu dan l-oġġettiv b'mod ieħor.

Peress li ħafna nies jistgħu jkunu esposti għall-asbestos mingħajr ma jkunu jafu, il-KESE stieden lill-Kummissjoni torganizza kampanja ta' informazzjoni biex il-pubbliku jiġi edukat dwar l-asbestos u l-effetti ta' ħsara tiegħu permezz tal-mezzi kollha possibbli, inklużi l-mezzi tax-xandir.

F'każ li r-riskju ta' esponiment ikun reali jew suspettat, il-ħaddiema kollha għandhom isirulhom verifiki b'riżultati li jiġu ddokumentati, filwaqt li jiġi żgurat li saħħithom tkun immonitorjata kif suppost u segwita kull darba li jibdlu x-xogħol matul il-karriera tagħhom. (II)



## Assi illeġiti: id-Direttiva l-ġdida tal-UE se tgħin fil- ?lieda kontra l-kriminalità organizzata

**Il-KESE, fil-plenarja tiegħu ta' Diċembru, laqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi bħala pass importanti lejn il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-UE. Minkejja titjib ġenerali f'xi wħud mill-Istati Membri, il-perċentwal ta' assi kriminali li huma ffriżati jew ikkonfiskati għadu estremament baxx madwar l-UE.**

Id-Direttiva l-ġdida ttejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kollha involuti fl-irkupri tal-assi, tkegġegħ lill-pajjiżi tal-UE jiżviluppaw strateġiji nazzjonali u teħtiegħom jistabbilixxu mill-inqas Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi wieħed, korp speċjalizzat għat-traċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavat minn attività kriminali u proprjetà oħra relatata mal-kriminalità, qal il-KESE fl-[Opinjoni tiegħu dwar l-irkupru u konfiska tal-assi](#), adottata waqt is-sessjoni plenarja ta' Diċembru.

“Nemmnu li l-proposta tal-Kummissjoni hija tajba ħafna, peress li twieġeb għall-ħtieġa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kkonfiskar. Din tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera biex tiżdied ir-rata tal-irkupru tal-assi. Bħalissa, ir-rati huma baxxi ħafna, bi 2 % biss tal-assi kriminali ffriżati u 1 % biss ikkonfiskati,” qal ir-relatur tal-Opinjoni **Ionuț Sibian**.

Id-Direttiva l-ġdida żżid ukoll lista sinifikanti ta' krimini ma' dawk li jinsabu fid-Direttiva dwar il-Konfiska mill-2014, inklużi t-traffikar tal-organi, is-sekwestru ta' persuni, ir-reati ambjentali u t-traffikar ta' vetturi misruqin, biex insemmu ffit minnhom.

Madankollu, il-KESE nnota li d-Direttiva b'mod espliċitu ma tinkludix fil-kampa ta' applikazzjoni tagħha d-dħul klandestin tal-immigranti u l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, minkejja d-dħul annwali sinifikanti ta' dawn is-swieq kriminali li jiswa' madwar EUR 289,4 miljun u EUR 8 309,3 miljun rispettivament, u hegġegħ b'urġenza lill-Kummissjoni żżidhom mal-lista.

Il-KESE staqsa wkoll lill-Kummissjoni tkun aktar ambizzjuża rigward l-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali tal-assi kkonfiskati u tistabbilixxi perċentwal minimu għall-użu mill-ġdid għal skopijiet soċjali għall-Istati Membri.

Huwa ta' importanza kbira li l-komunitajiet affettwati jiksbu kumpens biex jirrestawraw id-danni direttament u jibbenefikaw mir-redditi minn dawn id-danni. Dan kien qasam fejn stennejna żviluppi, iżda hemm staġnar. Is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta fil-ġestjoni u d-disponiment tal-assi kkonfiskati,” qal **is-Sur Sibian**.

Talba oħra tal-KESE kienet biex il-Kummissjoni tkun aktar preċiża fl-istabbiliment tad-drittijiet tal-vittmi għal kumpens. Fil-klassifikazzjoni tal-kredituri, il-vittmi għandhom jingħataw prijorità, il-Kumitat ikkonkluda. (II)



## Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media: pedament importanti fid-difi? a tal-libertà tal-media

**Il-KESE laqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea għal-libertà tal-media, iżda wissa li sempliċi rakkomandazzjonijiet u approċċ ta' liġi mhux vinkolanti mhumiex biżżejjed biex jiżguraw li l-media fl-Ewropa tibqa' ħielsa u indipendenti mill-interferenzi politiċi, kummerċjali u oħrajn.**

Fl-[Opinjoni](#) tiegħu dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (Proposta għal [Regolament](#) u [Rakkomandazzjoni](#)), il-KESE enfasizza li l-libertà u d-diversità tal-media huma fundamentali għall-istat tad-dritt u d-demokrazija liberali.

“Il-libertà tal-media tinsab fil-periklu. L-awtoritarjaniżmu qed jiżdied, anke fl-Ewropa. Ir-“raba’ poter” huwa l-ewwel difiża kontra dan l-attakk fuq il-libertà. Għaldaqstant, it-tisħiħ tal-libertà tal-media huwa essenzjali u l-Att

Ewropew dwar il-Libertà tal-Media huwa inizjattiva importanti u f’waqtha sew,” qal ir-relatur tal-Opinjoni, **Christian Moos**.

“Qed nosservaw dejjem aktar interferenza politika u ekonomika f’diversi pajjiżi tal-UE, kemm fil-media pubblika kif ukoll privata, b’rabtiet mill-qrib ma’ dawk fil-poter, li huwa inkompatibbli mar-rwol tal-media bħala r-“raba’ poter”,” qal il-korelatur **Tomasz Andrzej Wróblewski**.

Il-KESE appoġġja bis-sħiħ il-proposti li jsaħħu u jiddefendu l-indipendenza editorjali tal-ġurnalisti u l-pubblikaturi. Enfasizza b’mod partikolari wkoll l-indipendenza u l-imparzjalità tal-media pubblika, u qal li jinħtieġu riżorsi finanzjarji adegwati u stabbli biex dan jinkiseb.

Problema allarmanti oħra identifikata fl-Opinjoni tikkonċerna t-theddida għall-pluraliżmu tal-media minħabba l-konċentrazzjoni tas-suq. Il-monopolji tal-informazzjoni ċertament jikkostitwixxu theddida u jeħtieġ li tittieħed azzjoni kontra l-ħtif tal-media minn persunaġġi tal-media u oligarki.

Is-sjeda tal-media għandha tkun trasparenti u r-rekwiżiti tat-trasparenza għandhom ikunu vinkolanti, għalkemm dan m’għandux iwassal għal piż amministrattiv eċċessiv għall-istabbilimenti żgħar tal-media. In-nuqqas ta’ indipendenza ta’ xi korpi regolatorji nazzjonali huwa inkwetanti wkoll. Jekk ma jkunux għalkollox indipendenti, dawn m’għandhomx jipparteċipaw fil-Bord Ewropew propost għas-Servizzi tal-Media.

Il-KESE enfasizza li, bħala regolament, l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media se jkollu effett dirett. Fl-istess ħin, staqsa jekk l-approċċ ta’ liġi mhux vinkolanti applikat fir-Rakkomandazzjoni huwiex mod effettiv biex jinkisbu l-objettivi tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media.

“Sempliċi rakkomandazzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jiggwarantixxu l-libertà u d-diversità tal-media fl-Istati Membri. Il-media ħielsa u indipendenti trid tkun kriterju vinkolanti għar-rapport dwar l-istat tad-dritt u għall-iskattar tal-mekkaniżmu fl-Istati Membri fejn il-gvernijiet jiksru l-libertajiet u l-indipendenza tal-media”, ikkonkluda s-**Sur Moos**. (II)



## L-educazzjoni għandha tkun fil-qalba tal-iżvilupp sostenibbli

**L-educazzjoni tista' tgħin biex tittrasforma s-soċjetajiet ibbażati fuq il-fjuwils fossili f'soċjetajiet ċirkolari u sostenibbli. F'Opinjoni fuq inizjattiva proprja adottata f'Diċembru, il-KESE jappella għal edukazzjoni trasformattiva li tawtomomizza ż-żgħażaġh biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika.**

Il-valuri umanistiċi għandhom ikunu fil-qalba tal-educazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, b'enfasi fuq il-konsegwenzi ambjentali u soċjali tal-imġiba tal-bniedem. Dan jirrikjedi li l-educazzjoni tiġi definita mill-ġdid, mill-preprimarja sal-università u lil hinn minnha.

"Is-sostenibbiltà mhijiex biss dwar l-ambjent. Hemm ħafna aspetti, u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli huma kollha importanti b'mod ugwali. L-educazzjoni taqdi rwol kruċjali peress li hija faċilitatur ewlieni għall-SDGs l-oħra kollha," qalet **Tatjana Babrauskienė**, relatur għall-Opinjoni tal-

KESE: [L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh biex jinkiseb żvilupp sostenibbli permezz tal-educazzjoni.](#)

Il-ħsieb kritiku u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati għandhom jiġu mgħallma fl-iskejjel, sabiex it-tfal ikunu kapaċi jindirizzaw kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli. Fil-livell bażiku, it-tfal għandhom jiġu mgħallma dwar l-enerġija, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u l-għażla responsabbli tal-ikel.

[Ir-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-iskema għall-iskejjel tal-UE](#) li ġie adottat dan l-aħħar jagħmel rakkomandazzjonijiet addizzjonali dwar kif is-sistema skolastika tista' tittejjeb fl-interess tal-iżvilupp sostenibbli. "It-titjib tal-miżuri tal-educazzjoni dwar l-ikel, b'ħin allokat fil-klassi għal tagħlim dwar l-oriġini u l-valur tal-prodotti tal-ikel u ż-żjarat fl-irziezet u n-negozji agroalimentari, jista' jagħmel l-iskema tal-iskejjel tal-UE aktar effettiva u jikkontribwixxi għall-educazzjoni taż-żgħażaġh dwar ikel sostenibbli u tajjeb għas-saħħa," qal ir-relatur **Arnold Puech d'Alissac**. Il-KESE appella wkoll għal użu aħjar tal-finanzjament għall-educazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, b'ħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, Erasmus+, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew Plus.

L-implimentazzjoni tal-educazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli b'ħalissa tinsab fi stadji differenti fl-Istati Membri kollha u jeħtieġ li titfassal skont iċ-ċirkostanzi lokali.

"Ma rridux nitilfu ħin biex nittrasformaw l-educazzjoni ħalli niżguraw futur sostenibbli fl-Istati Membri, u huwa essenzjali li ż-żgħażaġh, l-għalliema u l-ġenituri jiġu inklużi b'mod attiv fil-proċess," qalet is-**Sinjura Babrauskienė**. (ks)



## L-industrija marittima: Il-KESE j?edded it-twissija dwar ir-riskji g?as-settur tat-teknolo?ija

**F’Opinjoni esploratorja reċenti, il-KESE qal li s-settur tat-teknoloġija marittima jeħtieġ b’mod urġenti politiki u investiment biex jaffronta l-kompetizzjoni internazzjonali. L-enfasi għandha titqiegħed fuq it-taħriġ tal-ħiliet, il-finanzi u l-aċċess għas-suq.**

Jekk l-Ewropa tonqos milli timplimenta strateġija industrijali marittima speċifika, hemm ir-riskju li din issir dejjem aktar dipendenti fuq l-Asja għall-vapuri u t-tagħmir marittimu. Ħafna portijiet Ewropej diġà huma proprjetà, b’mod parzjali jew sħiħ, ta’ kumpaniji Ċiniżi. Strateġija sostenibbli għandha tivvaluta mill-ġdid din l-istruttura ta’ sjieda.

“Il-KESE jemmen li hija meħtieġa azzjoni immedjata biex tissaħħaħ ir-reżiljenza marittima tal-Ewropa, terġa’ tinkiseb il-kompetittività globali, tiġi protetta l-pożizzjoni b’saħħitha tal-Ewropa fil-bini kumpless tal-bastimenti u tiġi salvagwardjata l-awtonomija marittima strateġika tal-Ewropa,” qal **Anastasis Yiapanis**, relatur tal-[Opinjoni tal-KESE](#).

Għandhom jiġu stabbiliti grupp ta’ esperti marittimi u alleanza industrijali Ewropea għas-settur tat-teknoloġija marittima biex jgħinu lis-settur jerġa’ jikseb il-kompetittività tiegħu.

Minkejja Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE adottata fl-2018, [L-istrateġija LeaderSHIP 2020 bħala viżjoni għall-industrija tat-teknoloġija marittima](#), li appellat għal appoġġ aktar qawwi għas-settur marittimu, l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali naqsu milli jipprovdu l-politiki meħtieġa.

Il-KESE esprima tħassib dwar l-ostakli li qed jiffaċċjaw il-kumpaniji Ewropej li jixtiequ jagħmlu negozju fl-Asja. Huwa appella lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel sforzi akbar biex tistabbilixxi regoli kummerċjali globali u qal li kien meħtieġ li taġixxi kontra s-sussidjar barrani u l-prezzijiet dannużi tal-bastimenti bħala kwistjoni ta’ prijorità.

Il-ftehimiet bilaterali eżistenti ta’ kummerċ ħieles għandhom jiġu aġġornati biex jiġi żgurat aċċess ħieles għas-suq għall-kumpaniji marittimi tal-UE u dan għandu jiġi inkluż fi ftehimiet futuri. Jekk in-negozjati internazzjonali biex jinkiseb dan ma jirnexxux, ikun meħtieġ li l-UE tqis azzjonijiet unilaterali biex jinħoloq vantaġġ fuq il-kompetituri internazzjonali tagħha.

Fl-Opinjoni tiegħu, il-KESE nnota wkoll ir-rwol importanti tal-industrija tat-teknoloġija marittima biex tinkiseb ekonomija blu sostenibbli.

“Il-KESE jappella għal miżuri urġenti li jstimulaw id-domanda domestika għal bastimenti ekoloġiċi u ta’ teknoloġija avvanzata, inklużi programm tal-UE għat-tiġdid tal-flotta u l-modifika retroattiva ta’ bastimenti eżistenti f’konformità mal-għanijiet”, qal il-korelatur **Christophe Tytgat**.

Il-KESE qal li l-imsieħba soċjali u l-manifatturi lokali kienu stennew għalxejn għall-istimolu biex is-settur jiġi mħeġġeġ jaqleb għal bastimenti “ekoloġiċi”, fjuwils alternattivi u teknoloġiji biex jikkonforma mal-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %”. Madankollu, huwa laqa’ l-adozzjoni tas-[sħubija tat-Trasport fuq l-Ilma](#)

[b'Emissjonijiet Żero](#), li qed taħdem lejn trasport marittimu b'emissjonijiet żero.

Il-KESE appella għal appoġġ finanzjarju aktar qawwi għall-[Patt tal-UE għall-Ħiliet](#) u għal kampanji biex is-settur isir aktar attraenti għall-ħaddiema kollha, minn inġiniera sa welders u elettriċi. Il-KESE qal li hemm bżonn ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u programmi VET fuq skala kbira biex jiġi żgurat li s-settur ikun jista' jimplementa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. (ks)



## [L-Amerka Latina te?tie? kuntratt soġjali ?did biex tistimula l-irkupru ekonomiku](#)

**Huwa meħtieġ kuntratt soġjali ġdid għall-Amerka Latina, li jiżgura r-responsabbiltà politika, l-inklużjoni, il-protezzjoni soġjali u l-impjieg ta' kwalità, qal il-KESE f'Opinjoni fuq inizjattiva proprja, adottata f'Diċembru li għadda, dwar is-sitwazzjoni soġjoekonomika wara l-COVID fl-Amerka Latina. Is-soġjetajiet ċivili organizzati b'mod liberu u demokratiku huma l-aħjar punt tat-tluq.**

Il-pandemija tal-COVID-19 laqtet ħażin ħafna lill-Amerka Latina, u żvelat id-dgħufijiet tal-politiki implimentati għal għexieren ta' snin, li ma kienux effettivi biex jiġu ffaċċjati l-isfidi attwali. L-invażjoni mir-Russja tal-Ukrajna ggravat it-turbulenza ekonomika billi fixxklet il-ktajjeb globali ta' provvista u kkontribwixxiet għal żieda fl-inflazzjoni.

L-Opinjoni intitolata [“Is-sitwazzjoni soġjoekonomika fl-Amerka Latina wara l-kriżi tal-COVID-19 – ir-rwol tas-soġjetà ċivili fil-proċess ta' rkupru”](#) tqis li r-reġjun jeħtieġ kuntratt soġjali ġdid, li jista' jinkiseb permezz ta' ftehimiet trasversali bejn il-gruppi soġjoekonomiċi, bejn it-territorji u bejn il-ġenerazzjonijiet.

Hu u jikkummenta dwar ir-rwol tas-soġjetà ċivili, il-membru tal-KESE u r-relatur tal-Opinjoni, **Josep Puxeu Roamora**, enfasizza li “l-Ewropa u l-Amerka Latina huma impenjati għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u dan ifisser li s-soġjetà ċivili se tkun involuta b'mod attiv, u taqdi rwol ta' tmexxija fl-iżvilupp u biex jiġu ffaċċjati l-kriżijiet, waqt li tippromovi d-djalogu neċessarju għal kuntratt soġjali ġdid”.

Europe needs to strengthen its bonds with Latin America, especially focusing on the social, green and digital transitions. "We urgently need to invest in more efforts to build alliances with like-minded partners in Latin America," said **Mr Puxeu Rocamora**. "We have taken this relationship for granted for too long. We have to make an effort to catch up as we are facing strong competition from other actors right now".

This alliance requires the full recognition and participation of its organised civil societies, human rights organisations, trade union and business organisations, and environmental associations, said the EESC. (at)



## Il-Presidenza Żvediġa tal-UE: il-KESE jingħaqad fid-diskussjoni dwar il-prijoritajiet u l-programm

**F'laqgħa tal-KESE li saret fi Stokkolma fil-15 ta' Diċembru, is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet tal-UE tal-Iżvezja, Christian Danielsson, iddeskriva d-direzzjoni politika tal-Presidenza Żvediġa li jmiss tal-Kunsill tal-UE, li talbet lill-KESE jipprovdi kontribut dwar sitt kwistjonijiet ewlenin.**

Il-KESE sar jaf li fost it-temi ewlenin tal-Presidenza Żvediġa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea minn Jannar sa Ġunju 2023 se jkun hemm l-appoġġ lill-Ukrajna u enfażi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u l-kompetittività tal-UE.

Waqt laqgħa tal-Bureau - il-korp tat-tmexxija tal-KESE - li saret fi Stokkolma fil-15 ta' Novembru 2022, il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, enfasizzat li, bl-isfidi kollha tal-futur, l-UE tista' tirnexxi biss jekk tinvolvi b'mod kontinwu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

Ewropea.

Hija qalet li “meta titqies il-prospettiva ekonomika negattiva għall-Ewropa, hemm bżonn li jiġu stabbiliti prijoritajiet korretti u ċari. L-iżgurar tal-irkupru u l-appoġġ għan-negozji u n-nies li qed jaffaċċjaw rata għolja ta' inflazzjoni u prezzijiet partikolarment għoljin tal-enerġija huma ta' importanza ewlenija għall-ekonomiji tagħna, għas-soċjetajiet tagħna u għad-demokrazzi tagħna”.

**Christian Danielsson**, Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Iżvezja, qal li “m'għandniex ninsew il-fatt li l-prijoritajiet huma importanti, iżda l-kompitu prinċipali tal-presidenza huwa l-presidenza nnifisha: li nimxu 'l quddiem u niksbu riżultati li huma tajbin għaċ-ċittadini, għall-Istati Membri u għall-Ewropa. Se nagħmlu l-isforzi kolha biex niksbu dan.”

**Is-Sur Danielsson** enfasizza li l-Presidenza Żvediġa se tkompli tgħin lill-Ukrajna bl-assistenza umanitarja u se tiffoka fuq it-titjib tal-prestazzjoni u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE.


B'mod aktar speċifiku, il-Presidenza Żvediġa se tiffoka fuq:

- it-taffif tat-tranżizzjoni klimatika
- it-tisfira tal-kompetittività tal-UE għall-impjegi tal-
- is-salvagwardja tal-valuri fundamentali tal-UE
- il-provvista ta' sigurtà għaċ-ċittadini tal-UE u t-tisfira tar-rwol tal-UE fid-dinja
- il-ħlija kontra l-kriminalità organizzata.

Il-Presidenza Żvediġa talbet lill-KESE biex jipprovdi l-kontribut u l-għarfien espert tiegħu dwar is-suġġetti li ġejjin, fil-forma ta' “opinjonijiet esploratorji”.

- It-30 sena mis-suq uniku: Kif jista' jittejeb aktar il-funzjonament tas-suq uniku?
- It-tranżizzjoni lejn sistema tat-trasport sostenibbli fit-tul
- Ir-rwol ta'-'g'a'ag? fit-tranżizzjoni ekoloġika
- Il-vantaġġi tal-kostruzzjoni industrijali moderna tal-injam
- It-tisri? ulterjuri tal-kompetittività diġitali tal-UE
- Il-kompetenza u l-iżvilupp tal-?iliet f'kuntast ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali

Hemm aktar informazzjoni fl-aħħar fuljett tal-KESE, intitolat "The EESC's activities during the Swedish presidency" (L-attivitajiet tal-KESE matul il-Presidenza Żvediża), li huwa disponibbli fis-[sit web](#) tagħna. Il-fuljett ġie ppubblikat bl-Ingliż, bl-Iżvediż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. (mp/dm)




---

## A?BARIJET MILL-GRUPPI



## L-2023: wasal i?-?mien li nadottaw a?enda tal-kompetittività

**Minn Stefano Mallia, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE**

**L-ewwel sitt xhur tal-2023 huma ż-żmien ideali biex issir pressjoni biex l-aġenda tal-kompetittività ssir prijorità ewlenija għall-UE.**

L-2022 kienet *annus horribilis* għall-Ewropa. Fi żmien meta r-Russja reġgħet gābet il-gwerra fil-kontinent Ewropew, kull suppożizzjoni u aspettattiva li kellna għal paċi dejjiema sfaw fix-xejn fl-ispazju Ewropew usa'.

Hemm ħaġa waħda li hija ċara daqs il-kristall: mingħajr il-paċi, ma jistax ikun hemm prosperità. Il-Grupp ta' Min Iħaddem jappoġġja bis-sħiħ l-azzjoni tal-UE biex tassisti lill-Ukrajna f'dan iż-żmien li matulu tant teħtieġ għajjnuna, u biex tibda taħdem biex tibni l-Ukrajna mill-ġdid, anke qabel ma tintemm il-gwerra.

Aħna u nkomplu ninvestu l-enerġija biex ngħinu lill-Ukrajna, fl-2022 komplejna wkoll nagħmlu pressjoni għall-irkupru tal-UE. Konna assertivi fil-ħidma tagħna għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex insejġu għal enfasi aktar deċiżiva fuq il-kompetittività, billi nistabbilixxu l-prattika tajba ta' kontroll tal-kompetittività biex nibnu ekonomija aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. Il-Kummissjoni u l-presidenzi tal-UE kienu riċettivi ħafna għal din is-sejġha u dan l-istrument issa qed jitħejja. Aktar importanti minn hekk, qed isir dejjem aktar ċar għal kulħadd li l-UE trid tadotta Aġenda tal-Kompetittività li tiffoka fuq is-sostenibbiltà u s-saħħa tal-intrapriża. Huwa biss b'dan il-mod li nistgħu niggarrantixxu soċjetà sana li fiha nkunu nistgħu nipprovdu liċ-ċittadini bi kwalità ta' ħajja tajba.

Jeħtieġ li tul l-2023 inżommu ħaj dan is-sens ta' urġenza. Irridu nżidu l-isforzi biex niżviluppaw aġenda ambizzjuża u li tħares 'il quddiem li tqis kif imiss il-ħtiġijiet u t-tħassib tan-negozju. Is-sitwazzjoni attwali titlob għadd ta' għanijiet fundamentali:

- A??ess kompetittiv g'all-fatturi tal-produzzjoni (ener?ija, materja prima, xog?ol, kapital u data)
- It-twettiq tal-potenzjal s?i? tas-Suq Uniku u l-libertajiet tieġ?u, billi jin?oloq Suq Uniku Di?itali komplut.
- L-i?gurar li kummer? barrani miftu? u bba?at fuq ir-regoli jsir pilastru ie?or tal-ekonomija tal-UE.
- It-tran?izzjoni ekolo?ika u di?itali – li a?na nappo??jaw bil-qawwa – trid tinkiseb b'mod kosteffettiv li jrawwem l-intraprenditorija u l-innovazzjoni.

L-ewwel sitt xhur tal-2023 huma ż-żmien ideali biex issir pressjoni biex l-aġenda tal-kompetittività ssir prijorità ewlenija. F'dinja mimlija inċertezzi, hemm ħaġa waħda li nistgħu nkunu ċerti dwarha: mingħajr Unjoni prospera u kompetittiva, il-benesseri soċjali tas-soċjetà tagħna jinsab f'riskju serju.

Aqra l-artiklu kollu [hawnhekk](#). (dv/kr)

## Viżjonijiet tax-xogħol furzat: wirja tal-ILO fil-KESE



**Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE Il-wirja tal-ILO, li għiet organizzata fil-KESE f'Diċembru li għadda, ippreżentat l-aħjar kartuns li ġew sottometti f'kompetizzjoni tal-ILO u li juru stejjer tal-waħx ta' nies maqbuda f'sitwazzjonijiet ta' xogħol furzat fid-dinja kollha.**

Skont l-istimi tal-ILO, fl-2021 kien hemm ammont impressjonanti ta' 27,6 miljun persuna f'sitwazzjonijiet ta' xogħol furzat.

In-nies huma soġġetti għal kull tip ta' intimidazzjoni li tobbligahom jaħdmu kontra r-rieda tagħhom, bħaż-żamma intenzjonata tal-pagi, il-konfinament furzat, u l-vjolenza fiżika u sesswali. Il-lista hija twila ħafna. Il-fenomeni huwa mifrux mad-dinja kollha u s-sitwazzjoni marret għall-agħar bil-pandemija tal-COVID. Fost dawk l-aktar vulnerabbli hemm it-tfal, in-nisa u l-ħaddiema migranti. Skont l-istimi tal-ILO, in-nisa u l-bniet jirrappreżentaw 11,8 miljun mill-għadd totali ta' persuni f'xogħol furzat. Aktar minn 3,3 miljun ta' dawk li jinsabu f'xogħol furzat huma tfal.

Iżda l-fatti u l-figuri ma jirakkontawx bis-sħiħ l-istorja umana tagħhom. Huwa għalhekk li għiet [ospitata wirja mill-KESE](#) fuq l-inizjattiva tal-President tal-Grupp tal-Ħaddiema, **Oliver Röpke**, f'kollaborazzjoni mal-ILO. Din ġabret [l-aħjar kartuns ta' kompetizzjoni organizzata mill-ILO](#) li

jur l-esperjenza ta' dawk maqbuda f'tali kundizzjonijiet tax-xogħol intollerabbli fid-dinja kollha.

Inizjattivi bħal dawn iwassluna biex nirriflettu fuq l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu biex tintemm din il-pjaga, bħall-indirizzar tan-nuqqasijiet fir-rigward tax-xogħol deċenti fl-ekonomija informali, kif imħeġġeġ mill-ILO. L-[Opinjoni tal-KESE li qed titfassal bħalissa](#) mir-relatur tal-Grupp tal-Ħaddiema, **Thomas Wagnsonner**, tiffoka fuq il-projbizzjoni tal-prodotti ta' xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni. Matul il-ftuħ tal-wirja, il-President tal-Grupp tal-Ħaddiema, **Oliver Röpke**, qal: "Din il-wirja, apparti li turi biċ-ċar it-tbatija ta' dawk li jinsabu f'sitwazzjoni ta' xogħol furzat, tesplora wkoll aħna x'nistgħu nagħmlu meta naħdmu flimkien u nieħdu azzjoni soda - u qed nieħdu azzjoni. Huwa għal din ir-raġuni li rridu li l-Istati Membri kollha tal-UE jirratifikaw il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol Furzat! "(mg) (mg)



## Séamus Boland elett mill-?did il-President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-So?jetà ?ivili

### **Mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE**

**Fl-14 ta' Diċembru, Séamus Boland ġie elett mill-ġdid b'akklamazzjoni mill-membri tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE b'hal l-president tal-grupp g'hal sentejn u nofs oħra.**

Séamus Boland se jippresjedi l-grupp g'hat-tieni nofs mandat tiegħu, minn April 2023 sa Settembru 2025. L-Irlandiż, li huwa bidwi u jirrappreżenta organizzazzjoni g'hall-iżvilupp rurali u komunitarju fil-Kumitat, ilu jippresjedi l-grupp minn Ottubru 2020. Is-Sur Boland ilu membru tal-Kumitat sa mill-2011.

L-eradikazzjoni tal-faqar u r-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-faqar ser jibqgħu l-prijorità ewlenija matul il-presidenza tiegħu.

“Il-faqar riesaq lejn l-oġhla livell li qatt rajna minħabba l-COVID-19, it-tibdil fil-klima u t-taqlib ġeopolitiku minħabba l-gwerra fl-Ukrajna. Dan jaffettwa l-isferi kollha tal-ħajja u jżommna milli niksbu futur sostenibbli g'hal kulħadd,” qal **Séamus Boland**. “Il-qerda tal-faqar g'ħalhekk tibqa' l-prijorità ewlenija tal-presidenza tiegħi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol ċentrali fil-ġlieda kontra l-faqar. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jgħinu biex jesprimu t-tħassib lokali, jiddefinixxu l-ħtiġijiet lokali u jsibu soluzzjonijiet lokali. Dan huwa kruċjali biex nilħqu l-ewwel Għan tal-Iżvilupp Sostenibbli, jiġifieri li neradikaw il-faqar estrem kullimkien.”

G'hall-2023, Séamus Boland qed jipproponi li l-ħidma tal-grupp tkun iffokata fuq dawn l-oqsma prijorarji li ġejjin:

- Sistemi Ewropej tal-kura tas-sa?sa re?iljenti;
- It-tibdil fil-klima, il-faqar enerġetiku u gruppi vulnerabbli;
- ?iliet, di?italizzazzjoni u persuni vulnerabbli;
- Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-so?jetà ?ivili fid-difi?a u t-tis?i? tad-demokrazija Ewropea;
- L-awtonamizzazzjoni ta?-?g?a?ag? u l-?arsien tat-tfal.

Matul il-laqqha tiegħu, il-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili ħatar ukoll kandidati g'hal pozzjonijiet oħrajn ta' tmexxija fi ħdan il-Kumitat g'hat-tieni nofs tal-mandat 2020-2025.

- **Krzysztof Pater** b?ala l-Vi?i President tal-KESE responsabbli g?all-Ba?it
- **Baiba Miltoviča** b?ala l-President tas-Sezzjoni g?at-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-So?jetà tal-Infurmazzjoni (TEN)
- **Ioannis Vardakastanis** b?ala l-President tas-Sezzjoni g?all-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koe?joni Ekonomika u So?jali (ECO)
- **Panagiotis Gkofas** b?ala Kwestur

Il-persuni maħturin se jiġu kkonfermati permezz ta' vot waqt it-tiġdid ta' nofs it-terminu tal-Kumitat f'April 2023.

Sabiex issir taf iżjed, kompli aqra fuq: [europa.eu/!mmX8NV](https://europa.eu/!mmX8NV) (jk)

## Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)  
Daniela Marangoni (dm)

## Il-kontributori g?al din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)  
Daniela Marangoni (dm)  
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)  
Giorgia Battiato (gb)  
Jasmin Kloetzing (jk)  
Katerina Serifi (ks)  
Katharina Radler (kr)  
Laura Lui (ll)  
Luke Carroll (lc)  
Marco Pezzani (mp)  
Margarita Gavanis (mg)  
Margarida Reis (mr)  
Pablo Ribera Paya (prp)  
Thomas Kersten (tk)

## Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)  
Giorgia Battiato (gb)

Technical support  
Bernhard Knoblach (bk)  
Joris Vanderlinden (jv)

## Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew  
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040  
Brussell, il-Belġju  
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86  
Indirizz elettroniku: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b?ala r-rapport uffijali tal-?idmiet tal-KESE; g?al dawn, jekk jog??bok irreferi g?all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g?al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b?ala s-sors u tintbag?at link lill-editur.